KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fis-16 ta' Settembru 2015 [1]

Kawża C-330/14

Gergely Szemerey
vs
Miniszterelnökséget vezető miniszter

[talba għal deċiżjoni preliminari mill-Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija)]

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Ammissibbiltà — Politika agrikola komuni — Skemi ta' għajnuna diretta — Sistema ta' amministrazzjoni u kontroll integrata — Tnaqqis ta' jew esklużjoni minn ħlasijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' regoli ta' eliġibbiltà u kundizzjonalità — Nuqqas ta' konformità ta' bidwi mar-rekwiżit li jiġi pprovdut ċertifikat għal speċi ta' pjanti rari — Proporzjonalità — Prattika amministrattiva — Forza maġġuri"

1. Fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, bidwi naqas milli jehmeż ċertifikat dwar speċi ta' pjanti rari — kif previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali — mal-applikazzjoni tiegħu għal ħlas ta' għajnuna agro-ambjentali. Iċ-ċertifikat huwa meħtieġ sabiex tiġi ssostanzjata l-applikazzjoni għal għajnuna miżjuda minħabba l-koltivazzjoni ta' speċi rari ta' pjanti. L-awtoritajiet kompetenti sussegwentement irrikonoxxew sitwazzjoni ta' forza maġġuri, peress li kundizzjonijiet tat-temp diffiċli għamlu ż-żrigħ ta' dawk l-ispeċi ta' pjanti impossibbli. Minkejja dan, l-applikazzjoni għall-ħlas ġiet irrifjutata kollha kemm hi u l-bidwi ġie ordnat iħallas sanzjoni amministrattiva addizzjonali li kellha tiġi paċuta matul is-segwenti tliet snin. Dan kien hekk għaliex, essenzjalment, l-ebda ċertifikat ma ġie sottomess mill-bidwi fiż-żmien dovut.

2. F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tikkjarifika żewġ kwistjonijiet. L-ewwel waħda tirrigwarda l-marġni xieraq ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom igawdu fl-implementazzjoni ta' mekkaniżmi biex jiġi żgurat l-kontroll effettiv ta' skemi ta' għajnuna agrikola. It-tieni kwistjoni, bħala kontinwazzjoni loġika tal-ewwel waħda, tirrigwarda l-kompatibbiltà mar-regoli rilevanti tal-leġiżlazzjoni agrikola tal-UE tal-impożizzjoni ta' sanzjoni dwar l-applikazzjoni kollha kemm hi.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-UE*

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1698/2005 [2]

3. Skont l-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament Nru 1698/2005 jippreskrivi, fost affarijiet oħra, ir-regoli ġenerali li jirregolaw l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp rurali li huwa ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

4. L-għanijiet tar-regolament għandhom jiġu implementati permezz ta' miżuri stabbiliti fl-erba' assi ddefiniti fit-Titolu IV tiegħu. L-Assi 2 jikkonsisti minn miżuri intiżi biex itejbu l-ambjent u l-kampanja. F'dak il-kuntest, l-Artikolu 36(a)(iv) jipprovdi li appoġġ taħt dan l-assi jirrigwarda miżuri li jimmiraw lejn l-użu sostenibbli ta' art agrikola permezz (*inter alia*) ta' ħlasijiet agro-ambjentali.

5. L-Artikolu 39 tar-regolament jirrigwarda ħlasijiet agro-ambjentali. Il-Paragrafu 2 u 3 tiegħu jistabbilixxu li l-Istati Membri għandhom jagħtu dawn il-ħlasijiet lil bdiewa li jidħlu f'impenji agro-ambjentali fuq bażi volontarja. L-impenji jkopru biss dawk li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE u rekwiżiti minimi għall-użu ta' fertilizzant u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħrajn stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

6. L-Artikolu 74(1) tar-Regolament 1698/2005 jgħid li l-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, statutorji u amministrattivi kollha sabiex jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jkunu protetti b'mod effettiv.

2. Regolament (KE) Nru 1975/2006 [3]

7. Skont l-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament Nru 1975/2006 jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implementazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-kundizzjonalità fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ tal-iżvilupp rurali kkofinanzjati stabbiliti bis-saħħa tar-Regolament Nru 1698/2005.

8. L-Artikolu 4 jirrigwarda applikazzjonijiet għal talbiet ta' appoġġ u ħlas. Dan jistabbilixxi li:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri xierqa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għas-sostenn.

[...]

3. L-applikazzjonijiet għas-sostemm u għat-talbiet tal-ħlas jistgħu jiġu aġġustati fi kwalunkwe żmien wara s-sottomissjoni tagħhom f'każijiet ta' żbalji ovvji li jiġu identifikati mill-awtorità kompetenti."

2 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tal-20 ta' Settembru 2005, dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, p. 1) kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 473/2009, tal-25 ta' Mejju 2009 (ĠU L 144, p. 3).

3 — Regolament tal-Kummissjoni, tas-7 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-konformità reċiproka rigward il-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali (ĠU 2008 L 330, p. 455) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 484/2009 tad-9 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 145, p. 25).

9. L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali ta' kontroll. Dan jipprevedi:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji ta' l-eliġibbiltà kollha stabbiliti mill-Komunità jew bil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew permezz ta' programmi għall-iżvilupp rurali għandhom ikunu kontrollati skond sett ta' indikaturi verifikabbli li jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

[...]

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi, m'għandu jsir l-ebda ħlas lil benefiċjarji li dwarhom ikun ġie stabbilit li dawn ħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa b'mod artifiċjali sabiex jakkwistaw dawn il-ħlasijiet bil-ħsieb li jkollhom vantaġġ fuq l-għanijiet ta' l-iskema ta' sostenn."

10. L-Artikolu 10 jifforma parti mill-Kapitolu II "Il-Kontrolli, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet". Taħt l-intestatura "Prinċipji ġenerali", dan jgħid:

"1. L-applikazzjonijiet għas-sostenn u t-talbiet għall-ħlas sussegwenti għandhom jiġu verifikati b'mod li tiġi żgurata l-verifika effettiva tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' sostenn.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu metodi u mezzi adattati sabiex jivverifikaw l-kundizzjonijiet għall-għoti tas-sostenn għal kull miżura ta' sostenn.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll prevista fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (minn issa 'l quddiem imsejħa 'IACS').

4. Il-verifika tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà għandha tikkonsisti f'verifiki amministrattivi u fuq il-post.

5. Il-ħarsien tal-konformità għandu jiġi verifikat permezz ta' verifiki fuq il-post u, fejn ikun xieraq, permezz ta' verifiki amministrattivi.

[...]"

11. L-Artikolu 11 jirrigwarda l-kontrolli amministrattivi. Il-Paragrafu 1 jgħid:

"Għandhom isiru verifiki amministrattivi dwar l-applikazzjonijiet kollha għas-sostemm u għat-talbiet tal-ħlas, u dawn għandhom ikopru l-elementi kollha possibli u xierqa li jiġu kontrollati b'mezzi amministrattivi. Il-proċeduri għandhom jiżguraw ir-reġistrazzjoni tax-xogħol ta' kontroll imwettaq, tar-riżultati tal-verifika, kif ukoll tal-miżuri meħuda fir-rigward ta' diskrepanzi."

12. Taħt l-intestatura "Tnaqqis u esklużjonijiet f'każ li ma jitħarsux il-kriterji ta' l-eliġibbiltà", l-Artikolu 18 jipprovdi:

"1. F'każ li kwalunkwe impenn relatat ma' l-għoti ta' għajnuna, għajr dawk relatati mad-daqs tas-superfiċje jew man-numru ta' annimali ddikjarati, ma jiġix rispettat, l-għajnuna mitluba għandha tiġi mnaqqsa jew rifjutata.

2. L-Istat Membru għandu jiddetermina l-ammont tat-tnaqqis ta' l-għajnuna, b'mod partikolari, fuq il-bażi tas-severità, tal-grad u tal-permanenza tan-nuqqas ta' ħarsien li jkun instab.

Is-severità tan-nuqqas ta' ħarsien tiddependi, b'mod partikolari, fuq l-importanza tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħarsien, waqt li jitqiesu l-għanijiet segwiti bil-kriterji li ma ġewx rispettati.

Il-grad tan-nuqqas ta' ħarsien jiddependi, b'mod partikolari, fuq l-effett tan-nuqqas ta' ħarsien fuq l-operazzjoni bħala ħaġa waħda.

Jekk nuqqas ta' konformità ikunx ta' permanenza jew le jiddependi, b'mod partikolari, fuq it-tul ta' żmien li għalih idum l-effett jew il-potenzjal sabiex jiġu terminati dawk l-effetti b'mezzi raġonevoli.

3. Fejn ir-riżultati juru li hemm nuqqas ta' rispett fl-irregolaritajiet kommessi b'mod intenzjonat, il-benefiċjarju għandu jiġi eskluż mill-miżura kkonċernata kemm għas-sena kalendarja kkonċernata kif ukoll għas-sena kalendarja ta' wara."

3. Regolament (KE) Nru 1122/2009 [4]

13. Ir-Regolament Nru 1122/2009 jistipula r-regoli meħtieġa għall-implementazzjoni tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, stabbiliti mill-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 [5], u għall-implementazzjoni tal-kundizzjonalità prevista fl-Artikoli 85t u 103z tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 [6]. Skont l-Artikolu 87 tiegħu, ir-regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet għal għajnuna li jirrigwardaw is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni jew perijodi ta' primjums li jibdew fl-1 ta' Jannar tal-2010.

14. Ir-Regolament Nru 1122/2009 ħa post ir-Regolament (KE) Nru 796/2004 [7]. Skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Nru 1975/2006, moqri flimkien mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II tar-Regolament Nru 1122/2009, l-Artikoli 14, 23 u 75 tar-Regolament Nru 1122/2009 għandhom jiġu applikati *mutatis mutandis* għal sitwazzjonijiet irregolati mir-Regolament Nru 1975/2006.

15. L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1122/2009 jirrigwarda emendi għall-applikazzjoni unika. Għalhekk, il-Paragrafu 1 jgħid:

"Wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni unika, ħbula agrikoli individwali jew drittijiet għall-pagament individwali jistgħu jiġu miżjuda fl-applikazzjoni unika sakemm jitħarsu r-rekwiżiti skont l-iskemi tal-għajnuna konċernati.

Tibdiliet konnessi mal-użu jew l-iskema ta' għajnuna fir-rigward ta' oqsma ta' ħbula agrikoli individwali jew fir-rigward ta' drittijiet għall-pagament li jkunu diġà ġew iddikjarati fl-applikazzjoni unika jistgħu jsiru taħt l-istess kundizzjonijiet.

Fejn l-emendi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi jkollhom impatt fuq xi dokumenti ta' appoġġ jew jew kuntratti li għandhom jiġu ppreżentati, għandhom ikunu permessi wkoll l-emendi li għandhom x'jaqsmu ma' dawk id-dokumenti jew kuntratti."

16. L-Artikolu 23 tar-regolament jirrigwarda sottomissjonijiet li jsiru tard. Il-Paragrafu 1 jipprovdi:

"Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri ċirkostanzi eċċezzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 75, il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-għajuna skont dan ir-Regolament wara l-limitu ta' żmien rilevanti għandu jwassal għal tnaqqis ta' 1 % għal kull jum ta' xogħol fl-ammonti li għalihom il-bidwi kien ikun intitolat kieku l-applikazzjoni kienet ippreżentata fil-limitu taż-żmien.

4 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, p. 65).

5 — Regolament tal-Kunsill, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jħassar ir-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16).

6 — Regolament tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, p. 1).

7 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 73/2009, kif ukoll għall-implementazzjoni tal-modulazzjoni prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura partikolari li għandha tittieħed mill-Istati Membri fir-rigward tal-ħtieġa tal-preżentazzjoni ta' kwalunkwe dokument ta' appoġġ fi żmien xieraq li jippermetti li jiġu skedati u mwettqa kontrolli effettivi, l-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll fir-rigward ta' dokumenti, kuntratti jew dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti skont l-Artikoli 12 u 13 meta dokumenti, kuntratti jew dikjarazzjonijiet bħal dawk, ikunu kostituttivi għall-eliġibbiltà għall-għajnuna konċernata. F'dak il-każ, it-tnaqqis għandu jiġi applikat fuq l-ammont pagabbli għall-għajnuna konċernata.

Jekk id-dewmien jammonta għal aktar minn 25 jum kalendarju l-applikazzjoni għandha titqies bħala mhux ammissibbli."

17. L-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009 jistabbilixxi regoli li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' dikjarazzjoni żejda. Dan jgħid:

"Jekk, fir-rigward grupp ta' uċuħ tar-raba', l-erja dikjarata għall-finijiet ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna relatata mal-erja, […] tkun taqbeż l-erja determinata skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-erja determinata mnaqqsa bid-doppju tad-differenza misjuba jekk dik id-differenza tkun ta' iktar minn 3 % jew minn żewġ ettari, iżda ma tkunx taqbeż l-20 % tal-erja stabbilita.

Jekk id-differenza tkun ta' iktar minn 20 % tal-erja stabbilita, ma għandha tingħata l-ebda għajnuna marbuta mal-erja għall-grupp ta' uċuħ tar-raba' konċernat.

Jekk id-differenza hija ta' iktar minn 50 %, il-bidwi għandu jkun eskluż għal darb'oħra milli jirċievi għajnuna tal-ammont daqs l-ammont li jikkorrispondi għad-differenza bejn l-erja ddikjarata u ż-żona stabbilita skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament. […] Jekk l-ammont ma jistax jiġi kkumpensat kompletament […] matul it-tliet snin kalendarji li jsegwu s-sena kalendarja tas-sejba, il-bilanċ dovut għandu jiġi mħassar."

18. L-Artikolu 75 jirrigwarda l-*forza maġġuri* u ċirkustanzi eċċezzjonali. Dan jistabbilixxi:

"1. Jekk bidwi ma kienx kapaċi jikkonforma ma' l-obbligazzjoni tiegħu bħala riżultat ta' forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali […] għandu jżomm id-dritt tiegħu għall-għajnuna f'dak li jirrigwarda l-qasam eliġibbli fiż-żmien meta jseħħ il-każ ta' forza maġġuri jew tkun seħħet iċ-ċirkostanza eċċezzjonali. Barra minn hekk, meta n-nuqqas ta' konformità li jirriżulta minn din il-forza maġġuri jew dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jikkonċernaw il-kundizzjonalità, it-tnaqqis li jikkorrispondi ma għandux jiġi applikat.

2. Il-każijiet ta' forza maġġuri u ċirkostanzi eċċezzjonali […] għandhom ikunu nnotifikati bil-miktub lill-awtorità kompetenti, bl-evidenza relevanti għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-bidwi jkun f'pożizzjoni li jwettaq dan."

B – *Id-dritt Ungeriż*

19. Il-Paragrafu 29(3) tar-Regolament Nru 61/2009[8] jipprevedi li, fejn speċi rari ta' pjanti huma kkunsidrati ta' importanza partikolari storika, kulturali jew ġenetika skont it-tifsira tal-Anness 12 jew 13 tiegħu, il-persuna eliġibbli għall-għajnuna għandha d-dritt għal ammont miżjud ta' għajnuna, iżda l-awtorità kompetenti għandha tiċċertifika li l-varjetà tal-pjanta inkwistjoni hija pjanta msemmija fl-annessi msemmijin iktar 'il fuq.

20. Il-Paragrafu 55(4) tar-Regolament Nru 61/2009 jispeċifika wkoll li meta verifika fuq il-post tiżvela li l-persuna eliġibbli għall-għajnuna ma tkunx fil-pussess ta' ċertifikat imsemmi fil-Paragrafu 29(3), l-ammont kollu ta' għajnuna jiġi rrifjutat għal sena waħda ta' kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tal-ħbula tar-raba' inkwistjoni.

21. Fuq il-bażi tal-Paragrafu 16(2) tar-Regolament Nru 31/2010[9], iddaħħal il-Paragrafu 43(6) ġdid fir-Regolament Nru 61/2009. Skont dik id-dispożizzjoni, meta speċi ta' pjanta rari tiġi kkoltivata, iċ-ċertifikat dwar l-ispeċi ta' pjanta rari msemmija fil-Paragrafu 29(3) tar-Regolament Nru 61/2009 għandu jinhemeż mal-applikazzjoni għall-ħlas. Id-dispożizzjoni ġdida daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2010.

II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari**

22. Iċ-ċirkustanzi fattwali li ġejjin jistgħu jiġu dedotti mit-talba għal deċiżjoni preliminari.

23. Fis-26 ta' Lulju 2009, G. Szemerey applika għal għajnuna agrikola. L-applikazzjoni tiegħu ġiet approvata mill-awtorità kompetenti fil-21 ta' Jannar 2010. Imbagħad, fis-16 ta' Mejju 2010, G. Szemerey ippreżenta applikazzjoni għal ħlas ta' żona unika skont programm ta' biedja organika u art koltivabbli.

24. Iktar speċifikament, wara li emenda l-applikazzjoni tiegħu fil-31 ta' Mejju 2010, G. Szemerey applika għall-ħlas ta' għajnuna agro-ambjentali għal ammont li jikkorrispondi għal 52.9 ettari. F'dak il-kuntest, ippreżenta wkoll applikazzjoni għal għajnuna prijoritarja — li tagħti d-dritt għal żieda fl-għajnuna li altrimenti kienet tkun pagabbli — fir-rigward ta' ammont li jikkorrispondi għal 29.69 ettari (mit-total ta' 52.9 ettari) biex jitkabbru speċi ta' pjanti rari u fil-perikolu li, għal raġunijiet storiċi, kulturali jew ġenetiċi, jingħataw prijorità. Għal dak l-iskop G. Szemerey kien xtara żerriegħa tat-trew abjad (*Melilotus alba Medik*) u tas-silla Svediża (*Trifolium hybridum L.*).

25. Fir-rebbiegħa u kmieni fis-sajf tal-2010, iż-żrigħ ta' dawk l-ispeċi ta' pjanti rari ġie ffrustrat, b'mod partikolari, minħabba l-għargħar. Għal dik ir-raġuni, G. Szemerey ssottometta żewġ dikjarazzjonijiet ta' *forza maġġuri*: l-ewwel waħda fid-29 ta' Ġunju 2010, u sussegwentement fid-28 ta' Lulju 2010. Wara li segwa l-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet Ungeriżi, G. Szemerey biddel ukoll il-kodiċi tal-użu għal art affettwata bil-kodiċi għal "art li mhux se tinħadem". Fit-30 ta' Settembru 2010 d-dikjarazzjoni ta' *forza maġġuri* ġiet aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti.

8 — Regolament tal-Ministeru tal-Agrikultura u tal-Iżvilupp Rurali li jispeċifika r-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-għajnuna agro-ambjentali disponibbli permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u r-Regolamenti Ministerjali dwar l-għajnuna disponibbli permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali tal-14 ta' Mejju 2009 (Az Európai Mezőgazdasági Vidékfejlesztési Alapból nyújtott agrár-környezetgazdálkodási támogatások igénybevételének részletes feltételeiről szóló 61/2009. (V.14.) FVM rendelet).

9 — Regolament tal-Ministeru tal-Agrikultura u tal-Iżvilupp Rurali tat-30 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament Nru 61/2009 li jispeċifika r-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-għajnuna agro-ambjentali disponibbli permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u r-Regolamenti Ministerjali dwar l-għajnuna disponibbli permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (Az Európai Mezőgazdasági Vidékfejlesztési Alapból nyújtott agrár-környezetgazdálkodási támogatások igénybevételének részletes feltételeiről szóló 61/2009. (V.14.) FVM rendelet, valamint más, az Európai Mezőgazdasági Vidékfejlesztési Alapból nyújtott támogatásokról szóló miniszteri rendeletek módositásáról szóló 31/2010. (III.30.) FVM rendelet).

26. Fid-19 ta' Marzu 2011, filwaqt li rrikonoxxiet sitwazzjoni ta' *forza maġġuri*, l-awtorità kompetenti ċaħdet l-applikazzjoni ta' G. Szemerey għall-ħlas kollu kemm hu u imponiet sanzjoni amministrattiva ta' HUF 2 483 953 li kellha tiġi paċuta minn applikazzjonijiet taż-żona għat-tliet snin ta' wara. G. Szemerey appella minn dik id-deċiżjoni fir rigward tas-sanzjoni imposta.

27. Fit-13 ta' Jannar 2012, il-Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve (Uffiċċju Ċentrali għall-Iżvilupp Agrikolu u Rurali; iktar 'il quddiem "l-Uffiċċju") ikkonferma d-deċiżjoni fuq il-bażi li G. Szemerey ma kienx issottometta ċertifikat fuq l-ispeċi ta' pjanti rari, li kellu jiġi sottomess fil-15 ta' Mejju 2010 (jiġifieri meta saret l-applikazzjoni għal ħlas) jew, l-iktar tard, fid-9 ta' Ġunju 2010. F'dak il-kuntest, l-Uffiċċju osserva wkoll li nuqqas li jiġu sottomessi d-dokumenti li jissostanzjaw l-informazzjoni fl-applikazzjoni ma setax jiġi rrimedjat. Għal dik ir-raġuni, huwa kkunsidrat li G. Szemerey ma kienx intitolat għal għajnuna prijoritarja għal speċi rari ta' pjanti u li ż-żona ta' art biex tintuża għall-dawk l-ispeċi sabiex jiġi ddeterminat l-intitolament għall-ħlas tqieset, għalhekk, li kienet 0 ettari. Peress li d-dikjarazzjoni żejda kienet ikbar minn 50 % taż-żona determinata, l-Uffiċċju qagħad fuq l-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009 biex jimponi sanzjoni.

28. G. Szemerey ippreżenta appell minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (Qorti Amministrattiva u tax-Xogħol ta' Gyula). Billi kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti mad-dritt tal-UE, dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tirrinvija d-domandi li ġejjin għal deċiżjoni preliminari:

"1) Il-prinċipju ta' flessibbiltà u ta' possibbiltà ta' emenda fis-sens tal-premessa 20 tar-[Regolament Nru 796/2004], tal-premessa 27 tal-istess regolament, jew tal-premessi 18, 23 u 26 tar-Regolament [Nru 1122/2009]għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi, fil-każ ta' produzzjoni ta' speċi veġetali rari, li mat-talba ta' ħlas jiġi anness ċertifikat li jikkonċerna l-pjanta rari tmur kontra dawn tal-aħħar, fid-dawl tal-prassi amministrattiva li tippermetti li jintalab ċertifikat biss qabel ma titressaq it-talba ta' ħlas, bejn it-2 u l-15 ta' April, u li tippermetti li dan iċ-ċertifikat jiġi anness biss fl-istess waqt tat-tressiq tat-talba unika, u li din il-leġiżlazzjoni ma tippermettix li jiġi korrett l-iżball li jivvizzja t-talba li jirriżulta mill-assenza taċ-ċertifikat?

2) Din [il-leġiżlazzjoni] hija kompatibbli mal-obbligu li għandhom l-Istati Membri li ma jikkompromettux l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, jew jista' wieħed isostni li t-talbiet ta' għajnuna tal-produtturi ta' pjanti rari taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni saru impossibbli, eċċessivament diffiċli jew imprevedibbli fl-2010, meta nbidlet il-leġiżlazzjoni [emenda introdotta permezz tal-Artikolu 43(6) tad-digriet [Nru 61/2009], implementata permezz tad-digriet [Nru 31/2010]]?

3) Il-prassi amministrattiva li tikkonsisti f'li tingħata sanzjoni minħabba dikjarazzjonijiet żejda, fin-nuqqas ta' ċertifikat dwar pjanta rari, għat-talba kollha, mingħajr ma tiġi evalwata n-natura intenzjonali, in-negliġenza u ċ-ċirkostanzi, meta barra minn hekk it-talba ta' ħlas tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' għajnuna għall-plot kollu, ġaladarba l-agrikoltur ikun qed jipproduċi l-pjanta ddikjarata fuq art iddikjarata, tmur kontra l-premessa 57 tar-Regolament [Nru796/2004], il-premessa 75 tar-Regolament [Nru 1122/2009], u fuq kollox il-prinċipju ta' proporzjonalità?

4) Il-klawżoli ta' eżenzjoni msemmija fil-premessi 67 u 71 tar-Regolament [Nru 796/2004] jew fil-premessa 75 tar-Regolament [Nru 1122/2009] huma applikabbli jekk l-agrikoltur jinvoka l-prassi amministrattiva kontradittorja u mhux konformi bħala ċirkustanza eċċezzjonali u jekk jipprova jistabbilixxi li t-tort tiegħu kien totalment jew parzjalment, ikkawżat mill-prassi tal-awtorità amministrattiva?

5) In-notifika aċċettata ta' każ ta' forza maġġuri marbuta mat-telf tal-produzzjoni kollha (it-tiżrigħ) tal-agrikoltur tista' tiġi kkunsidrata bħala informazzjoni korretta msemmija fil-premessa 67 tar-Regolament [Nru 796/2004] jew fil-premessa 93 tar-Regolament [Nru 1122/2009], li jeżentaw lill-agrikoltur milli jannetti ċ-ċertifikat dwar il-koltivazzjoni ta' pjanta rari, fejn it-talba kollha ma tkunx suġġetta għal sanzjonijiet?"

29. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn G. Szemerey, mill-Uffiċċju, mill-Gvern Ungeriż u mill-Gvern Grieg kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea li kollha kemm huma, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Grieg, ippreżentaw osservazzjonijiet orali fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2015.

III – **Analiżi**

A – *Osservazzjonijiet preliminari*

30. L-ewwel nett, wieħed għandu jiftakar li l-qorti tar-rinviju għamlet diversi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li kollha jirreferu għall-*premessi* tar-Regolamenti Nru 796/2004 u Nru 1122/2009 u mhux għad-dispożizzjonijiet legalment vinkolanti ta' dawk l-istrumenti. Barra minn hekk, id-domandi magħmula ma fihom l-ebda riferiment għar-Regolamenti Nru 1698/2005 u Nru 1975/2006 dwar il-FAEŻR, li jipprovdu l-qafas legali biex jiġu ttrattati l-problemi sottostanti t-talba għal deċiżjoni preliminari. U iktar minn hekk, it-talba għal deċiżjoni preliminari tħalli mingħajr tweġiba ċerti kwistjonijiet kruċjali dwar il-kuntest legali u fattwali nazzjonali.

31. Għalkemm dan huwa deplorevoli minn ħafna aspetti, dan il-fatt ma huwiex biżżejjed biex din it-talba għal deċiżjoni preliminari tiġi ddikjarata inammissibbli [10]. Din il-konklużjoni ssegwi mill-ispirtu ta' kooperazzjoni inerenti fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha osservat f'diversi okkażjonijiet, f'dak ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-informazzjoni kollha pprovduta mill-qorti nazzjonali, partikolarment mill-motivi għad-deċiżjoni biex issir it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-punti tad-dritt tal-UE li jeħtieġu interpretazzjoni minħabba s-suġġett tal-kwistjoni [11].

32. B'dan premess, nieħu din l-opportunità biex nenfasizza l-importanza li jiġi pprovdut qafas iddefinit ċar ta' analiżi (kemm mil-lat legali kif ukoll fattwali) fit-talba għal deċiżjoni preliminari. Dan mhux sempliċement biex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja imma wkoll biex jiġi żgurat li dawk kollha li jixtiequ jippreżentaw osservazzjonijiet jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu hekk [12]. Tassew, kif juru preċiżament l-osservazzjonijiet sottomessi f'dan il-każ, in-nuqqas li jsir dan jista' jwassal mhux biss għall-konfużjoni dwar il-qafas leġiżlattivi applikabbli, imma wkoll dwar l-isfond fattwali stabbilit tar-rinviju.

33. Il-fatt li l-qorti tar-rinviju ma għamlitx referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, fil-fehma tiegħi, ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lill-qorti tar-rinviju bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-UE li jistgħu jkunu ta' għajnuna fid-deċiżjonijiet tal-kawżi li jkollha quddiemha, kif inhu meħtieġ mill-ġurisprudenza [13]. F'dan il-każ, minkejja n-nuqqasijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari kif deskritt diġà, il-kwistjonijiet li dwarhom il-qorti tar-rinviju qed titlob gwida jistgħu jiġu estrapolati minnha b'ċertu faċilità.

10 — Dwar il-limiti għall-ammissibbiltà, ara l-Konklużjonijiet tiegħi f'Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C., C-497/12, EU:C:2015:168, b'mod partikolari l-punt 20.

11 — Reċentement, is-sentenza Subdelegación del Gobierno en Guipuzkoa – Extranjeria, C-38/14, EU:C:2015:260, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll, fost ħafna oħrajn, is-sentenza Fuß, C-243/09, EU:C:2010:609, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

12 — Ara, pereżempju, l-ordni f'Viacom, C-190/02, EU:C:2002:569, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata.

13 — Ara, pereżempju, is-sentenza Centre public d'action sociale d'Ottignies-Louvain-La-Neuve, C-562/13, EU:C:2014:2453, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata.

34. Fil-fehma tiegħi, hemm żewġ kwistjonijiet li dwarhom, fil-verità, il-qorti tar-rinviju qed titlob gwida. L-ewwel waħda tirrigwarda d-diskrezzjoni, jew pjuttost il-limiti għaliha, li l-Istati Membri jgawdu fid-disinn tal-mekkaniżmi tal-kontroll ta' skemi ta' għajnuna. It-tieni kwistjoni tirrigwarda x'inhuma l-konsegwenzi xierqa ta' applikazzjoni mhux kompluta għal ħlas taħt skema ta' għajnuna speċifika.

35. Ser nittratta ż-żewġ kwistjonijiet waħda wara l-oħra. Kif indikajt f'post ieħor [14], wieħed ma għandux jinsa li l-biedja tikkostitwixxi attività professjonali. Dak li jkun għandu jżomm f'moħħu dan il-fatt meta jinterpreta u japplika l-leġiżlazzjoni agrikola tal-UE.

B – *L-obbligu biex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-iskemi ta' għajnuna*

36. L-ewwel żewġ domandi preliminari, li ser nikkunsidra flimkien, jirrigwardaw il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-UE li jeħtieġ li bidwi jipprovdi, fil-mument tal-applikazzjoni għall-ħlas, ċertifikat dwar l-ispeċi ta' pjanti rari li jikkostitwixxu l-bażi tal-applikazzjoni (għall-ħlas ta' għajnuna prijoritarja). F'dak ir-rigward, l-Uffiċċju u l-Gvern Ungeriż sostnew fis-seduta, li ċ-ċertifikat tista' ssir applikazzjoni għalih indipendentement miż-żrigħ taż-żrieragħ tal-pjanti inkwistjoni. Huma sostnew ukoll li ċ-ċertifikat huwa intiż biex jiġu identifikati l-ispeċi ta' pjanti rari li jagħtu lok għal għajnuna prijoritarja u għalhekk, biex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-awtoritajiet għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà għal dan it-tip partikolari ta' għajnuna.

37. Bħala punt preliminari, ma hemmx dubju li huma l-Istati Membri li għandhom jiżguraw kontroll effettiv tal-iskemi tal-għajnuna. Fil-fatt, huma obbligati li jagħmlu hekk. Dan joħroġ ċar mill-Artikolu 74 tar-Regolament Nru 1698/2005 u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1975/2006. Minn dawk id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-Istati Membri għandhom, minn naħa, jadottaw d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, statutorji u amministrattivi kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni Ewropea jkunu effettivament protetti. L-Istati Membri għandhom, min-naħa l-oħra, jiżguraw f'dan ir-rigward li l-kriterji ta' eliġibbiltà dwar it-tipi differenti ta' għajnuna jkunu jistgħu jiġu kkontrollati skont sett ta' indikaturi verifikabbli li għandhom jistabbilixxu l-Istati Membri. Dan huwa meħtieġ biex jiġu evitati l-abbużi.

38. Madankollu, l-Istati Membri jgawdu diskrezzjoni meta jiddeċiedu fuq it-twettiq speċifiku ta' verifiki, kemm amministrattivi kif ukoll fuq il-post, li għandhom jiżguraw verifika effettiva ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ. Dan jirriżulta mill-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1975/2006.

39. F'dan il-każ, jidher li ftit hemm dubju li r-rekwiżit skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li ċ-ċertifikat jiġi pprovdut meta ssir l-applikazzjoni għall-ħlas huwa intiż sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw, *ex ante*, li jitħarsu l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna speċifika. F'dak is-sens, ir-rekwiżit jikkontribwixxi għall-effettività ta' kontrolli amministrattivi u l-verifika li l-benefiċjarju jkun eliġibbli għall-għajnuna agro-ambjentali inkwistjoni. Għaldaqstant, ir-rekwiżit li jiġi pprovdut ċertifikat għall-ispeċi ta' pjanti rari meta ssir l-applikazzjoni jidher li huwa kompatibbli għal kollox mad-dritt tal-UE. Dan huwa hekk, b'mod partikolari, għaliex huwa intiż sabiex jiġi żgurat li l-kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti jkunu effettivi, kif meħtieġ mill-Artikolu 74 tar-Regolament Nru 1698/2005.

40. Barra minn hekk, jirriżulta mill-proċess tal-kawża u mis-sottomissjonijiet tal-Uffiċċju u tal-Gvern Ungeriż waqt is-seduta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-fatt tippermetti lill-benefiċjarji li jissottomettu ċ-ċertifikat inkwistjoni sa 25 jum kalendarju wara l-iskadenza għall-applikazzjoni għall-ħlas għal sena ta' għajnuna partikolari (jiġifieri, id-9 ta' Ġunju). Dan jidher li huwa konsistenti għal kollox mal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1122/2009 li jippermetti lill-benefiċjarju jew li jissottometti

14 — Ara l-Konklużjonijiet tiegħi f'Demmer, C-684/13, EU:C:2015:131, punt 71.

l-applikazzjoni wara l-iskadenza tat-terminu biex jagħmel hekk jew li jlesti l-applikazzjoni wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni. It-tnaqqis li jiġi applikat, skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1122/2009 huwa tnaqqis ta' 1 % għal kull jum tax-xogħol tal-ammonti li għalihom kien ikun intitolat il-bidwi kieku l-applikazzjoni (u d-dokumenti ta' appoġġ) ġew sottomessi fit-terminu. F'dak il-każ, it-tnaqqis jiġi applikat għall-ammont pagabbli għall-għajnuna kkonċernata. Jekk id-dewmien jammonta għal iktar minn 25 jum kalendarju l-applikazzjoni titqies inammissibbli.

41. Jidhirli li dik id-dispożizzjoni, li tipprevedi ċertu perijodu ta' konċessjoni fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-ħlas (skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1122/2009), tirrappreżenta l-flessibbiltà li ssemmi wkoll il-qorti tar-rinviju. F'dak id-dawl, ma nistax nara għaliex id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti dwar is-sottomissjoni taċ-ċertifikat inkwistjoni huma inkompatibbli mad-dritt tal-UE.

42. Madankollu, hemm żewġ kwistjonijiet oħra li hemm bżonn li jiġu indirizzati.

43. L-ewwel kwistjoni hija jekk kienx possibbli, fis-sena 2010, li jinkiseb ċertifikat u b'estensjoni, għajnuna prijoritarja. Minħabba l-approċċ strett li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri biex jiżguraw l-effettività tal-kontroll tal-iskemi ta' għajnuna [15], huwa biss b'mod eċċezzjonali li miżura intiża biex tiżgura kontrolli effettivi tista' titqies li tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan ikun hekk biss fil-każ li jkun prattikament impossibbli — jew l-iktar, eċċessivament diffiċli — li tinkiseb l-għajnuna.

44. F'dak ir-rigward, G. Szemerey isostni li ċ-ċertifikat jista' jinkiseb biss għal żerriegħa miżrugħa u li, biex jinkiseb iċ-ċertifikat inkwistjoni, għandha ssir applikazzjoni għalih mhux iktar tard mill-15 ta' April. Is-sottomissjoni tiegħu hija li l-effett kumulattiv ta' dawk iċ-ċirkustanzi jagħmilha impossibbli għal bidwi li jikseb għajnuna prijoritarja, jew tal-inqas, eċċessivament diffiċli, mhux l-inqas għall-ispeċi ta' pjanti li jistgħu jinżergħu iktar tard minn Marzu [16]. Jekk dan huwa minnu, il-fehma tiegħi tkun li r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar is-sena 2010 ma jkunux jistgħu jiġu sostnuti fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

45. Madankollu, jidhirli li jkun ħażin li wieħed jasal għal dik il-konklużjoni, sakemm il-qorti tar-rinviju ma tkunx ivverifikat li huma veri l-elementi li ġejjin offruti mill-Uffiċċju u l-Gvern Ungeriż waqt is-seduta.

46. Fil-fatt, fuq il-bażi tal-ispjegazzjonijiet mogħtija minn dawk il-partijiet waqt is-seduta, jidher li ċ-ċertifikat inkwistjoni jista', fil-fatt, jinkiseb qabel ma' jinżergħu ż-żrieragħ (billi jidher li sempliċement jikkonferma r-rarità tal-varjetà tal-pjanta inkwistjoni fit-tifsira tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti). Barra minn hekk, l-ebda terminu ma huwa preskritt fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal ċertifikat, bl-uniku rekwiżit ikun li l-bidwi l-ewwel għandu jehmeż iċ-ċertifikat mal-applikazzjoni għall-ħlas (id-data 15 ta' April hija purament indikattiva). Jekk dak huwa minnu, ma nista' nara l-ebda raġuni għaliex ir-rekwiżiti dwar is-sottomissjoni ta' ċertifikat għal speċi ta' pjanti rari għandhom jitqiesu bħala sproporzjonati għall-għan segwit, jiġifieri biex jiġi żgurat kontroll effettiv *ex ante*. Madankollu, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk dak huwiex minnu.

15 — F'dak ir-rigward, l-obbligi tal-Istati Membri ġew interpretati b'mod strett fil-ġurisprudenza, li teħtieġ kontrolli effettivi u adegwati. Ara, b'analoġija, is-sentenza f'Syndicat OP 84, C-3/12, EU:C:2013:389, punti 21 sa 23 u l-ġurisprudenza ċċitata.

16 — Il-partijiet ma jaqblux ukoll dwar f'liema żmiem l-ispeċi ta' pjanti li G. Szemerey kellu l-ħsieb li jiżra' (partikolarment it-trew abjad) kellhom jinżergħu skont l-istandards professjonali.

47. It-tieni kwistjoni, marbuta mill-qrib ħafna mal-ewwel waħda, tirrigwarda l-prinċipju ta' ċertezza legali. G. Szemerey ressaq ukoll l-argument — fehma li tidher li hija kondiviża mill-qorti tar-rinviju — li l-leġiżlazzjoni rilevanti ġiet emendata bil-moħbi ħafna, biex ħalliet biss lill-benefiċjarji perijodu ta' madwar ġimagħtejn (il-31 ta' Marzu 2010 sal-15 ta' April 2010) biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda. Fil-fatt, skont ir-regoli li kienu fis-seħħ qabel, iċ-ċertifikat seta' jiġi prodott ukoll fi stadju iktar tard, matul verifiki fuq il-post (li setgħu, skont l-Uffiċċju, seħħew l-iktar kmieni fl-10 ta' Ġunju).

48. Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-emenda leġiżlattiva — jew pjuttost ir-regoli ddettaljati għad-dħul tagħha fis-seħħ għas-sena 2010 — humiex konformi jew le mar-rekwiżiti taċ-ċertezza legali [17], jiena xorta nixtieq nosserva dan li ġej.

49. L-ewwel nett, ir-rekwiżit ta' ċertifikat għal speċi ta' pjanti rari ma huwiex ġdid: huwa biss iż-żmien meta kellu jiġi sottomess lill-awtoritajiet li nbidel. It-tieni nett, il-bidwi seta', apparentement, jikseb iċ-ċertifikat mingħajr ma attwalment jiżra' ż-żrieragħ tal-pjanti rari inkwistjoni. It-tielet nett, ma hemmx obbligu legali biex issir applikazzjoni għaċ-ċertifikat sa mhux iktar tard mill-15 ta' April [18]. F'dak ir-rigward, il-Gvern Ungeriż speċifika waqt is-seduta li, jekk bidwi jixtieq jiżgura li jkollu fil-pussess tiegħu ċ-ċertifikat inkwistjoni fil-mument li jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna, dik id-data hija *de facto* l-aħħar data possibbli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal ċertifikat (sa fejn il-bidwi jixtieq jevita kull forma ta' tnaqqis). Dak ifisser li għas-sena 2010, iż-żmien biex wieħed japplika għaċ-ċertifikat kien tqassar xi ftit (25 jum) mis-sena ta' qabel. Fil-fehma tiegħi, din ma hijiex ħaġa problematika mill-aspett ta ċertezza legali.

50. Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, jiena jikkonkludi li r-Regolamenti Nru 1698/2005 u Nru 1975/2006, moqrija flimkien mar-Regolament Nru 1122/2009 ma jipprekludux, bħala prinċipju, dispożizzjoni nazzjonali fejn, fil-każ tal-koltivazzjoni ta' speċi rari ta' pjanti, iċ-ċertifikat li jirrigwarda l-pjanta rari għandu jinhemeż mal-applikazzjoni għal ħlas.

C – *In-nuqqas li jiġi sottomess iċ-ċertifikat u s-sanzjonijiet xierqa*

51. It-tielet, ir-raba' u l-ħames domandi preliminari jindirizzaw, essenzjalment, il-proporzjonalità tas-sanzjoni imposta bħala riżultat tan-nuqqas li jiġi sottomess ċ-ċertifikat inkwistjoni.

52. Il-partijiet ma jaqblux fuq diversi elementi kruċjali li qegħdin fl-isfond tal-każ pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Għal raġunijiet ovvji, il-kompitu biex tiġi vverifikata l-korrettezza tal-affermazzjonijiet magħmulin mill-partijiet huwa tal-qorti tar-rinviju.

53. Biex nirrepeti, G. Szemerey jilmenta li ma setax jikseb iċ-ċertifikat inkwistjoni minħabba l-fatt li ż-żrigħ kien impossibbli u kien għamel applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' sitwazzjoni ta' *forza maġġuri* kemm jista' jkun malajr. Huwa qal ukoll li minħabba t-termini applikabbli (ikkawżati bil-bidla fil-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa għas-sottomissjoni taċ-ċertifikat meta ssir l-applikazzjoni), kien prattikament impossibbli li jinkiseb ċertifikat sabiex jiġi sottomess meta ssir l-applikazzjoni għall-ħlas.

54. Min-naħa l-oħra, l-Uffiċċju josserva li ż-żrigħ ma kienx prekundizzjoni biex jinkiseb iċ-ċertifikat u li, fi kwalunkwe każ, billi waħda mill-pjanti inkwistjoni (it-trew abjad) tinżergħa fir-rebbiegħa, G. Szemerey messu kien jaf meta applika li ma setax jiżra' ż-żerriegħa tal-ispeċi ta' pjanti rari inkwistjoni. Anki għalkemm sitwazzjoni ta' *forza maġġuri* ġiet aċċettata, l-Uffiċċju madankollu impona sanzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009, li tiġi applikata fil-każ ta' dikjarazzjoni żejda (relatata maż-żona).

17 — Ordni fi Dél-Zempléni Nektár Leader Nonprofit, C-24/13, EU:C:2014:40, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

18 — Ara l-punt 46 iktar 'il fuq għall-possibbiltà għall-bidwi li jikseb ċertifikat mingħajr ma jiżra' u għall-iskadenza/terminu mhux vinkolanti tal-15 ta' April.

55. Fuq il-bażi tal-ordni tar-rinviju u tad-domandi preliminari, nifhem li anki jekk wieħed jissupponi li G. Szemerey ma kienx jikkwalifika għall-għajnuna prijoritarja minħabba n-nuqqas li jissottometti ċ-ċertifikat inkwistjoni, huwa kien madankollu intitolat għal ammont bażiku ta' għajnuna skont l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni. Huwa fuq dik il-bażi li ser nevalwa l-proporzjonalità tas-sanzjoni li ġiet hekk imposta.

56. Nibda billi ninnota li minkejja n-nuqqas ta' ċarezza dwar il-kwalifikazzjoni taċ-ċertifikat inkwistjoni (kriterju ta' eliġibbiltà għal għajnuna prijoritarja [19] jew dokument ta' appoġġ [20]), il-punt li fuqu hemm l-inqas dubju huwa li n-nuqqas li ċ-ċertifikat jiġi pprovdut fi żmien debitu (sad-9 ta' Ġunju) iwassal għal ċaħda ta' għajnuna prijoritarja. Fil-fehma tiegħi, id-domanda li l-qorti tar-rinviju qed titlob risposta għaliha hija jekk, flimkien mar-rifjut għall-għoti ta' għajnuna prijoritarja, l-Istati Membri jistgħux jimponu iktar sanzjonijiet, bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009 minħabba dikjarazzjoni żejda.

57. Jiena nqis li ma jistgħux jiġu imposti iktar sanzjonijiet mingħajr ma jinkiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

58. Bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, dan huwa hekk għaliex in-nuqqas li jiġi pprovdut iċ-ċertifikat fi żmien ma wassalx għall-esklużjoni għal kollox mill-għajnuna, imma sempliċement għan-nuqqas ta' eliġibbiltà għal żieda fl-ammont bażiku ta' għajnuna, is-suppliment imsemmi bħala għajnuna prijoritarja. Meta dak li jkun iżomm dan f'moħħu, diffiċli naċċetta li l-awtoritajiet Ungeriżi kompetenti applikaw b'mod korrett l-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009 għall-kumpless taċ-ċirkustanzi fattwali preżenti. Fil-fatt, dik id-dispożizzjoni tapplika għaċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dikjarazzjoni żejda (relatata maż-żona [21]). Madankollu, hawnhekk, id-daqs kumplessiv taż-żona (52.9 ettari) iddikjarat ma huwiex qed jiġi kkontestat. F'dawk iċ-ċirkustanzi, l-impożizzjoni ta' sanzjoni għal dikjarazzjoni żejda ma tantx toqgħod tajjeb mal-prinċipju ta' proporzjonalità [22].

59. Fir-rigward tal-bażi legali xierqa għad-determinazzjoni tan-nuqqas tas-sottomissjoni taċ-ċertifikat inkwistjoni, dan jiddependi, fl-aħħar mill-aħħar, mill-kwalifikazzjoni taċ-ċertifikat bħala l-kriterju ta' eliġibbiltà *per se* jew ta' dokument ta' appoġġ.

60. Minn naħa, jekk iċ-ċertifikat kellu jikkostitwixxi kriterju ta' eliġibbiltà għall-għajnuna — ħaġa li għandha tivverifikaha l-qorti tar-rinviju — għandu jiġi applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1975/2006. Skont dik id-dispożizzjoni, meta l-kriterji tal-eliġibbiltà ma jiġux irrispettati, l-għajnuna mitluba tista' titnaqqas jew tiġi miċħuda. Huwa biss fil-każ ta' nuqqas intenzjonat ta' konformità ma' kriterji ta' eliġibbiltà li jkun iġġustifikat li l-għajnuna tiġi miċħuda għal kollox kemm għas-sena kalendarja kurrenti kif ukoll għas-sena ta' wara.

61. Min-naħa l-oħra, jekk iċ-ċertifikat inkwistjoni kellu jiġi kkunsidrat sempliċement bħala dokument ta' appoġġ, l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1122/2009 — applikabbli *mutatis mutandis* għall-kuntest tal-FAEŻR — jippreskrivi regoli speċifiċi li għandhom jiġu applikati fil-kuntest ta' sottomissjoni tardiva tad-dokumenti ta' appoġġ. Il-konsegwenzi tan-nuqqas li tiġi ssottomessa applikazzjoni sħiħa huma stabbiliti f'dik l-istess dispożizzjoni: kif spjegat fil-punt 40 iktar 'il fuq, wara 25 jum kalendarju, l-applikazzjoni titqies inammissibbli u ma jsir l-ebda ħlas.

19 — Il-kwalifikazzjoni taċ-ċertifikat hija kwistjoni tad-dritt nazzjonali li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeterminaha. Madankollu, ir-riferiment fil-ħames domanda msemmija għall-premessi li jirrigwardaw il-kriterji ta' eliġibbiltà, jappoġġa l-fehma li ċ-ċertifikat jikkostitwixxi kriterju ta' eliġibbiltà fih innifsu. Barra minn hekk, il-premessa li minnha tibda l-qorti tar-rinviju, jiġifieri li G. Szemerey huwa intitolat għal ammont bażiku ta' għajnuna minkejja s-sottomissjoni tardiva taċ-ċertifikat, tissuġġerixxi li ċ-ċertifikat jikkostitwixxi kriterju ta' eliġibbiltà għal għajnuna prijoritarja.

20 — Min-naħa l-oħra, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Uffiċċju u l-Gvern Ungeriż fis-seduta donnhom jissuġġerixxu li ċ-ċertifikat huwa dokument ta' appoġġ.

21 — Ara wkoll l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1975/2006 dwar dikjarazzjoni żejda fil-kuntest tal-FAEŻR.

22 — Ara, pereżempju, is-sentenza Maatschap L.A. en D.A.B. Langestraat en P. Langestraat-Troost, C-11/12, EU:C:2012:808, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata.

62. Għaldaqstant, miċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-ordni tar-rinviju, il-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjoni għal dikjarazzjoni żejda u b'estensjoni, sanzjonijiet dwar l-applikazzjoni sħiħa, fit-tifsira tal-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009.

63. Għall-kompletezza, ser nagħmel l-osservazzjoni li ġejja dwar il-kwistjoni tal-forza maġġuri. F'dan il-kuntest tal-lum, il-forza maġġuri ma tistax tkun ta' rilevanza — għall-finijiet ta' ħlas ta' għajnuna prijoritarja — sakemm ma jkunx veru dak li qal G. Szemerey li ċ-ċertifikat seta' jinkiseb biss wara ż-żrigħ, li anki din il-ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju. F'dak il-każ, il-fatt li ma setax jiżra' jista', fi kwalunkwe każ, jeżonera lill-bidwi fir-rigward tan-nuqqas li jissottometti ċ-ċertifikat, iżda għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 75(2) tar-Regolament Nru 1122/2009 fir-rigward tan-notifika tal-forza maġġuri.

IV – **Konklużjoni**

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi preliminari tal-Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság b'dan il-mod:

1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tal-20 ta' Settembru 2005, dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1975, tas-7 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-konformità reċiproka rigward il-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali (kif emendat), moqri flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid, bħala prinċipju ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li skont din, fil-każ tal-koltivazzjoni ta' speċi ta' pjanta rari, iċ-ċertifikat dwar il-pjanta rari għandu jinħemeż mal-applikazzjoni għall-ħlas.

2) Fiċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-prinċipju tal-proporzjonalità jipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjoni għal dikjarazzjoni żejda fit-tifsira tal-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009.